MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 16(2013), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 18 ta'Novembru 2013, fil-5:30 p.m.

1. **<u>Preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Steven Grech (S.G.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |
| | Stephen Caruana ( S.C.) |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall (D.H.)

**Aġenda għal-laqgħa :**

---

**1.** Qari tal-Minuti
**2.** Arisings mill-Minuti
**3.** Komunikazzjoni tas-Sindku
**4.** Korrispondenza
**5.** Hatra ta' bord ta' evalwazzjoni ghal sejha ghall-offerti numru MXLC06/2013
**6.** Performance bonuses tal-impjegati
**7.** Akkumular ta' vacation leave tas-Segretarju Ezekuttiv
**8.** Milied 2013
**9.** Approvazzjoni ta' hlasijiet
**10.** Affarijiet ohra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

1. **<u>Qari tal-Minuti</u>**

1.1 Kopja tal-Minuti tas-Seduti preċedenti, Seduta Numru 14 (2013) u Seduta numru 15 (2013)kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-Minuti ittieħdu bħala moqrija

1.2 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Angelo Micallef unanimament approva il-minuti bħala dokumenti korretti.

## 2 Arisings mill-Minuti

2.1 Is-Sindku qal illi kien gie infurmat mill-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali illi kawza ta' cirkostanzi li rrizultaw wara s-seduta precedenti ( Seduta nru 14/2013 ), ma kienx ghad hemm il-htiega illi jinxtraw uniformijiet ghal kull membru tal-amministrazzjoni. Fil-fatt, kienet mehtiega biss uniformi ghall-iskrivana u parti minn uniformi ghall-Ufficjal Ezekuttiv. Kien hemm qbil unanimu illi ghandhom jinxtraw l-unformijiet hekk kif mitluba mill-amministrazzjoni.

## 3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku

3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi wara kienu saru l-laqghat necessarji mal-kuntratturi u l-awtoritajiet relevanti, kien inghata bidu ghax-xoghol tal-bini ta' playing field gdida fi Triq il-Wilga. Is-Sindku zied jghid illi x-xogholijiet kienu mistennija jitlestew sa tmiem Frar 2013.

3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kien gie avvicinat mill-Ministeru ghat-Turizmu rigward l-organizzazzjoni tal-Malta International Fireworks Festival 2014. Is-Sur Micallef zied jghid illi ghal darb'ohra kienet ser tittella' serata mill-festival imsemmi gewwa Marsaxlokk. Id-data maghzula kienet dik tal-Gimgha 25 ta' April 2014. Naturalment kien hemm diversi temi li kienu ser jigu diskussi fil-futur marbuta mal-inizjativa msemmija.

3.3 Is-Sur Edric Micallef qal illi kien gie avvicinat minn GAL XLOKK rigward fondi ezistenti sabiex isir Tourist Information Office gewwa Marsaxlokk. Is-Sindku qal illi dwar din l-inizjativa l-Kunsill Lokali kien ser jigi kkuntattjat mill-Malta Tourism Authority li min-naha taghha kienet lesta taghti l-kontribut sabiex din l-inizjativa timmaterjalizza. Is-Sur Micallef zied jghid illi kien hemm sahansitra €60 000 f'fondi ghall-izvilupp tas-sit li fih ried isir it-Tourist Information Office.
Wara diskussjoni libera dwar din it-tema kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghal tali inizjativa. Is-Sur Edric Micallef ippropona illi l-Kunsill iressaq proposta sabiex l-ufficcju msemmi isir gewwa Triq l-Arznell, f'kamra illi l-Kunsill Lokali kien diga' talab li tigi devoluta lilu. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u ghaddiet b'votazzjoni unanima.

3.4 Is-Sur Edric Micallef informa lill-Kunsilliera prezenti illi wara li kienet gie imsejha laqgha b'urgenza li matulha s-Sinjorina Stacey Marmara kienet giet mahtura ambaxxatrici ghal Marsaxlokk ghall-inizjativa VOTE16, l-istess Sinjorina Marmara kienet infurmat lill-Kunsill Lokali illi minhabba ragunijiet personali ma setghetx tirraprezenta lil Marsaxlokk. Ghal dan il-ghan, huwa baghat proposta sabiex is-Sur Marlon Grech jigi mahtur ambaxxatur ghal Marsaxlokk ghal VOTE16.
F'dan l-istadju, is-Sur Steven Grech informa lill-Kunsilliera li huwa kellu kunflitt ta' interess f'din il-materja peress li s-Sur Marlon Grech kien qairb tieghu u talab li jkun skuzat mis-seduta sakemm tigi diskussa l-materja.
Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi fl-opinjoni tieghu, is-Sur Marlon kien persuna valida u ma kellu ebda diffikulta' sabiex jissekonda n-nomina tas-Sur Edric Micallef. Il-hatra tas-Sur Marlon Grech bhala ambaxxatur ta' Marsaxlokk ghal VOTE16 ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

## 4 Korrispondenza

4.1 Permezz ta' e-mail datat 24 t'Ottubru 2013, is-Sur Carmel Mifsud informa lill-Kunsill Lokali bi ktieb imsemmi 'Ghanjiet il-Qalb', li kien ippublika. Is-Sur Mifsud talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jixtri xi kopji tal-imsemmi ktieb sabiex jitpogga fil-librerija tal-lokalita'. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri zewg kopji tal-ktieb imsemmi ghas-somma ta' €20.

4.2 Permezz ta' e-mail datat 13 ta' Novembru 2013, is-Sa Jeanette Abdilla infurmat lill-Kunsill Lokali b'seminar ghall-Kunsill Lokali dwae l-Abbozz ta' Pjan ghall-Immaniggjar tal-iskart ghall-perjodu 2013-2020. Is-Sur Edric Micallef informa lill-Kunsill illi kien ser jattendi ghall-attivita' f'isem il-Kunsill Lokali.

4.3 Permezz ta' e-mail datat 22 t'Ottubru 2013, is-Sur Paul Zerafa talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex temporanjament ikun jista' jopera bhala bejjiegh fis-suq fil-berah ta' nhar ta' Hadd. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi wara li l-Kunsill Lokali ircieva t-talba,u wara li kienet ittiehdet l-opinjoni tal-Kunsilliera dwar din il-materja is-Sur Zerafa kien gie infurmat illi l-permess sabiex jopera hekk kif mitlub ma setax jinhareg.

4.4 Permezz ta' ittra datata 20 ta' Settembru 2013, l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-Kunsill Lokali b'*enforcement notice* li kien hareg fil-konfront tas-Sur Omar Azzopardi b'relazzjoni ma' stabbiliment fi Triq il-Wilga.

4.5 E-Mail datat 11 ta' Novembru 2013 li permezz tieghu il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' infurmat lill-Kunsill lokali b'konferenza dwar il-gimgha tal-Persuni b'Dizabilita' li kienet ser tittella nhar it-Tlieta 3 ta' Dicembru 2013. Is-Sur Edric Micallef informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien ser jattendi ghall-attivita' msemmija.

4.6 Permezz ta' e-mail datat 11 ta' Novembru 2013, l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali harget cirkulari li permezz taghha habbret illi nhar il-Gimgha 22 ta' Novembru 2013 kienu ser jigu miftuha ufficjalment l-ufficini godda tal-istess assocjazzjoni. Ghall-attivita' kienu mistiedna l-Kunsilliera kollha

4.7 Permezz ta' e-mail datat 10 ta' Novembru 2013 is-Sur Joe Cardona talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jsiru *roadmarkings* sabiex jigu mmarkati l-ispazji ta' parkegg fi Triq l-Imriekeb. Is-Sur Cardona talab ukoll illi jsiru double yellow lines faccata tar-residenza tieghu sabiex tissolva problema li kellu biex johrog bil-vettura tieghu minn garaxx.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi talba sabiex isir double yellow line faccata tar-residenza tas-Sur Cardona kienet diga' saret lil Transport Malta matul l-2012, liema talba kienet giet milqugha. Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, kemm il-darba isiru l-marki tal-ispazji ghall-parkegg kien ser jonqos sensibilment il-parkegg b'detriment ghas-sewwieqa u r-residenti. Kien hemm qbil fost dawk prezenti illi l-Kunsill Lokali ma' kellux jilqa' t-talba tas-Sur Cardona sabiex jigu mmarkati l-ispazji ghall-parkegg. Dwar din id-decizjoni kellha tintbaghat ittra lill-istess Sur Cardona sabiex tigi ccarata l-pozizzjoni tal-Kunsill Lokali.

4.8 Permezz ta' ittra datata 4 ta' Novembru 2013, is-Sa. Marvic Ann Debono mill-Agenzija Programmi tal-Unjoni Ewropeja infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kienu saru xi modifiki f'applikazzjoni li l-istess Kunsill Lokali kien dahhal ghall-programm Youth In Action (MT-31-E20-2013-R3), l-applikazzjoni kienet giet accettata bhala eligibbli u kienet qieghda tigi evalwata mill-istess agenzija.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-modifiki msemmija kienu saru wara li l-istess agenzija kienet gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali rigward nuqqasijiet teknici.

4.9 Permezz ta' e-mail datat 1 ta' Novembru 2013, Dr.Ronald Cuschieri, f'isem Environmental Landscapes Consortium Ltd. informa lill-Kunsill Lokali illi talba li kienet saret sabiex isir dawl dekorattiv f'roundabout fi Triq iz-Zejtun kienet giet milqugha u l-istess kumpanija kienet ser taghmel l-arrangamenti mehtiega sabiex jitwahhal l-apparat.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' din l-inizjativa kien jinhtieg illi l-Kunsill Lokali japplika ghal servizz ta' elettriku temporanju. Kien hemm qbil fost dawk prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu japplika ghas-servizz imsemmi.

4.10 Permezz ta' e-mail datat 30 t'Ottubru 2013, is-Sa. Josette Camilleri f'isem Agenzija Zghazagh infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet giet imnehdija il-hames edizzjoni tal-progett Kunsill Lokali Zghazagh. L-applikazzjoni sabiex Kunsilli Lokali jissiehbu fil-progett imsemmi kienu jaghlqu nhar id-29 ta' Novembru 2013.
Wara diskussjoni libera dwar din it-tema, is-Sur Angelo Micallef ressaq proposta sabiex il-Kunsill Lokali japplika halli kemm il-darba ikun hemm zghazagh minn Marsaxlokk interessati jitwaqqaf Kunsill Lokali taz-zghazagh. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Edric Micallef u ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

4.11 Permezz ta' e-mail datat 6 ta' Novembru 2013, il-kap tal-iskola primarja infurmat lill-Kunsill Lokal illi nhar l-Erbgha 11 ta' Dicembru 2013 kien ser jittella jum il-premjazzjoni. Ghall-okkazjoni, il-Kunsill Lokali gie mitlub jghin permezz ta' xiri ta' kotba.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi permezz ta' Memo 16/2013, kienet giet mghotija koncessjoni lill-Kunsill Lokali illi jaghtu donazzjonijiet f'materjal edukattiv lill-iskejjel fil-lokalita' sa massimu ta €200. Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, u galadarba il-Kunsill Lokali inghata l-koncessjoni msemmija, il-Kunsill Lokali kellu jghin f'din l-attivita' b'donazzjoni ta' €200 ghal xiri ta' materjal edukattiv. Is-Sur Angelo Micallef issekonda l-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

4.12 Permezz ta' ittra datata 6 ta' Novembru 2013, is-Sur Jordy Brincat informa lis-Segretarju Ezekuttiv illi b'referenza ghal memo 46/2009 ( ftuh tal-ufficini amministrattivi nhar ta' Sibt), huwa kien lest illi jidhol xoghol f'sibtijiet partikolari f'kaz li jkun hemm xi tibdil minhabba ragunijiet validi.

4.13 Permezz ta' ittra datata 6 ta' Novembru 2013, is-Sinjura Joan Mifsud infurmat lis-Segretarju Ezekuttiv illi b'referenza ghal Memo46/2009 ( ftuh tal-ufficini amministrattivi nhar ta' Sibt), hija kienet lesta li tidhol xoghol u tiftah l-ufficcju sa massimu ta' tliet darbiet f'xahar.

4.14 Permezz ta' ittra datata 2 ta' Novembru 2013, is-Sinjura Caroline Fenech infurmat lis-Segretarju Ezekuttiv illi b'referenza ghal Memo46/2009 ( ftuh tal-ufficini amministrattivi nhar ta' Sibt), hija kienet lesta illi tidhol xoghol u tiftah l-ufficcju sa tmiem is-sena 2013. Wara dan il-perjodu is-Sinjura Fenech ma setghetx tibqa' tidhol xoghol kull nhar ta' Sibt.

4.15 Permezz ta' applikazzjoni datata 8 ta' Novembru 2013, is-Sur Ivan Bezzina talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex ikun jista' jtella' l-opra tal-bahar tieghu bl-isem "Cyano" fuq l-art ghall-manutenzjoni. Is-Sur Bezzina zied jghid illi xtaq itella' l-opra tal-bahar fiz-zona tal-maghluq bejn Dicembru 2013 u Marzu 2014.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sur Bezzina.

4.16 Permezz ta' e-mail datat 18 ta' Novembru 2013, is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali, informa lill-Onor Joe Mizzi bil-problemi li kien qieghed jiltaqa' maghhom il-Kunsill Lokali fiz-zamma u manutenzjoni tal-latrini pubblici fil-lokalita'. Is-Sur Micallef zied jghid illi l-Kunsill Lokali kien qieghed jaghmel l-arrangamenti necessarji sabiex is-sitwazzjoni titjieb. Fil-frattemp pero' il-Kunsill Lokali kien qieghed jigi ffaccjat b'sitwazzjoni li ma kellux kontroll fuqha u talab l-intervent tal-awtoritajiet sabiex, kemm il-darba ikun possibli, il-*Cleansing and Services Department* jghin f'din il-materja.

4.17 Permezz ta' e-mail datat 12 ta' Novembru 2013, is-Sindku, f'isem il-Kunsill Lokali informa lill-President tar-Regjun Xlokk b'abbuz regolari (matul tmiem il-gimgha) ta' rimi ta' skart fi Triq Xatt is-Sajjieda u talab illi gwardjani pajzana mqabbda mill-istess Regjun jissorveljaw iz-zona sabiex jinqata' l-abbuz u jigi maqbud min kien qieghed iwettqu.

4.18 Permezz ta' e-mail datat 25 t'Ottubru 2013, id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali habbar illi kienet giet imnehdija edizzjoni ohra tal-iskema dwar inizjativi ta' Attivitajiet 2013-2014 li ghaliha setghu japplikaw il-Kunsilli Lokali sabiex jiksbu finanzjament halli itellghu attivitajiet matul il-perjodu msemmi.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil dawk prezenti illi wara li kienu gew ikkonsultati l-Kunsiliera, s-Sotto-Kumitat Zghazagh Kultura u Sport kien ha hsieb ihejji programm ta' attivitajiet ghal zmien il-Milied 2013. L-istess Sotto-Kumitat kien hejja l-materjal kollu sabiex imtliet l-applikazzjoni relatata mal-imsemmija skema u giet sottomessa fiz-zmien stipulat.

4.19 Permezz ta' e-mail datat 14 ta' Novembru 203, is-Sa. Amabel Busuttil infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kien intlehaq qbil mad-Dipartiment tas-Sahha, korsijiet bazici dwar *first aid* li kien qieghed jigi propost illi jinzammu f'diversi lokalitajiet setghu jinzammu minghajr hlas.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hekk kif maqbul fis-seduta precedent kienet ser tinhareg sejha ghal interess min-naha tal-pubbliku u kemm il-darba ikun hemm partecipazzjoni l-imsemmija korsijiet jittellghu anke gewwa Marsaxlokk.

## 5 <u>Hatra ta' bord ta' evalwazzjoni ghal sejha ghall-offerti numru MXLC06/2013</u>

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kien jinhtieg illi l-Kunsill Lokali jahtar bord ta' evalwazzjoni ghal sejha ghall offerti numru MXLC06/2013. Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsilliera kollha kellhom ikunu mahtura bhala membri fuq il-bord imsemmi. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Angelo Micallef u ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti. Is-Sur Stephen Caruana ressaq proposta sabiex is-Sur Angelo Baldacchino ('Id-Dwejra', Triq il-Fellukka, Marsaxlokk ) jinhatar membru fuq l-imsemmi bord. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Angelo Micallef u ghaddiet b'votazzjoni unanima. Is-Sur Carmelo Bugeja ressaq proposta sabiex is-Sur Joseph Caruana ( 361844M ) jinhatar membru fuq il-bord ta' evalwazzjoni. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Stephen Caruana u ghaddiet b'votazzjoni unanima.

## 6 <u>Performance Bonuses tal-impjegati</u>

6.1 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien evalwa ħidmet iż-żewġ impjegati klerikali tal-Kunsill Lokali. Huwa żied jgħid illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet tagħmel l-almu tagħha sabiex toffri l-aħjar servizz possibbli lir-residenti u l-performance tagħhom kienet teċċedi l-ħidma mitluba minnhom.

Is-Sur Angelo Micallef ressaq proposta li ġiet issekondata mis-Sur Edric Micallef sabiex is-Sur Jordy Brincat jingħata il-massimu ta’ 6% tal-performance bonus. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

Is-Sur Stephen Caruana ressaq proposta li giet issekondata mis-Sur Angelo Micallef sabiex is-Sinjura Caroline Fenech tinghata l-massimu ta’ 6% tal-performance bonus. Il-mozzjoni ghaddiet unanimament.

Is-Sur Carmelo Bugeja ressaq proposta sabiex hekk kif propost is-Sinjura Joan Mifsud tinghata performance bonus pro-rata ta’ 6%. Il-Mozzjoni giet issekondata mis-Sur Angelo Micallef u ghaddiet unanimament.

Is-Sur Hall irringrazzja lil dawk prezenti.

**7 <u>Akkumular ta’ vacation leave tas-Segretarju Ezekuttiv</u>**

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informal ill-Kunsilliera prezenti illi mill-vacation leave li kien intitolat ghalih ghas-sena 2013, kien hemm numru ta’ sieghat li ma kienx ser jutilizza. Ghal dan il-ghan, is-Sur Hall talab l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex ikun jista’ jakkumula 80 siegha vacation leave mhux utuilizzati matul l-2013 mal-vacation leave li kien intitolat ghalih matul l-2014.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Segretarju Ezekuttiv.

**8 <u>Milied 2013</u>**

8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-Sotto Kumitat Zghazagh, Kultura u Sport kien hejja program ta’ attivitajiet li kien qieghed jigi ppjanat li jittellghu nhar l-14 u l-15 ta’ Dicembru 2013. L-istess Sotto-Kumitat kien ha hsieb illi jimla applikazzjoni sabiex jinkisbu fondi permezz ta’ skema mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Minbarra dan, kien ser ikun hemm ghajuna finanzjarja li kienet tammonta ghal €500 minghand Allcare Insurance b’risq l-attivita’. Is-Sur Edric Micallef qal ill fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jikkontribwixxi ghall-attivita’ b’ghajnuna finanzjarja ulterjuri. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill lokali kellu jalloka s-somma ta’ €600 favur l-attivita’ msemmija

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi wara li kien gie ezaminat l-armar li kien issemma fis-seduta precedenti ( li kien jintuza ghat-tinzjin ta’ Triq Xatt is-Sajjieda fil-passat) irrizulta illi kien fi stat hazin hafna u ma setax jintuza. Ghal dan il-ghan kien jinhtieg illi l-Kunsill Lokali jiehu decizjoni rigward din il-materja. Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jarma l-apparat li kien inxtara u intuza matul l-2012 u jzid xi ftit disinji dekorattivi. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu iqabbad kuntrattur privat sabiex iwahhal l-apparat imsemmi. Kien hemm qbil ukoll illi l-Kunsill Lokali jalloka s-somma ta’ €500 ghal xiri ta’ materjal dekorattiv ghal Xatt is-Sajjieda ghall-Milied 2013

**9 <u>Approvazzjoni ta’ hlasijiet</u>**

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda skeda ta’ pagamenti (Skeda 12/2013) ghall-approvazzjoni.

Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali approva unanimament il-pagamenti inkluzi fi skeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-Minuti.

## 10 Affarijiet ohra

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi s-Sur Peter Carabott, haddiem tal-Works Division li ghall-ahhar snin kien assenjat mal-Kunsill Lokali kien gie mitlub jirraporta ghax-xoghol f'post iehor u ghaldaqstant ma kienx ghadu jifforma parti mill-haddiema tal-Kunsill Lokali

10.2 Is-Sur Carmelo Bugeja informa lill-Kunsill Lokali illi kien gie avvicinat minn bidwi li kien talab illi jinzabru sigar (Oleander) fi Triq il-Powerstation u talab lill-Kunsilliera prezenti jevalwaw il-possibilita' illi l-Kunsill Lokal iqabbad kuntrattur sabiex isir ix-xoghol mehtieg. Wara diskussjon libera, u minhabba l-fatt illi t-triq in-kwistjoni ma kenitx taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbaghat e-mail lis-Sur Ramon Deguara (*Cleansing Services Directorate*) sabiex tigi evalwata l-possibilita' illi x-xoghol isir mid-Dipartiment imsemmi.

11.3 Is-Sur Edric Micallef qal illi l-Kunsill Lokali kien ghamel xoghol ta' manutenzjoni estensiva fi Gnien il-Familja. Ix-xoghol kien jikkonsisto f'tibjid ta' partijiet mill-gnien innifsu, mauntenzjoni fuq funtana u ankra li hemm fl-istess gnien flimkien ma tiswijiet fil-bandli li kien hemm.

11.4 Is-Sur Edric Micallef qal illi hekk kif maqbul l-amministrazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet hadet hsieb tikri s-servizz ta' green wardens sabiex jissorveljaw iz-zona ta' Xatt is-Sajjieda matul il-hinijiet tas-Suq fil-berah bil-ghan illi jigi kkontrollat l-iskart li kien jithalla fiz-zona abuzivament. L-ezitu tas-servizz imsemmi kien ghadu mhux maghruf.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha 11 ta' Dicembru 2013

| | |
|---|---|
| **Edric Micallef** | **Duncan Hall** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data :**